Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

Carmen Camilleri

vs

J&E Service Line Ltd.

Illum, 28ta' Novembru 2016

CCT 60/16/MS

It-Tribunal

Ra l-avviz ipprezentat mir-rikorrenti fil-21 ta' Marzu 2016 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €1190.00 prezz ta' fridge HAIER mixtrija minghand is-socjeta' intimata.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata tal-5 ta' April 2016 fejn inghad li l-fridge giet konsenjata lir-rikorrenti fir-residenza taghha fl-Imqabba pakkjat u ssigillat. Tnehha s-sigill u l-fridge giet spezzjonata mir-rikorrenti fejn iffirmat li rcievietha f'kundizzjoni tajba.

Sema x-xhieda bil-gurament; ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi mhuwiex kontestat li r-rikorrenti xtrat il-*fridge* in kwistjoni minghand is-socjeta' konvenuta, pero qed jigi kontestat il-fatt illi l-*fridge* giet ikkonsenjata bil-hsara.

Ir-rikorrenti tghid illi l-ghada tal-konsenja (2 ta' Frar 2016) sabet kxaxen imkissrin. Ilmentat mas-socjeta' intimata u dawn biddluhomla. Tghid ukoll li fl-4 ta' Frar fettilha ittella l-kexxun il-fuq minhabba dahra u sabet toqba fl-isfel tal-bieba tal-*freezer*. Ezebiet hames ritratti fejn tidher din il-hsara.

Illi min-naha l-ohra, r-rapprezentant tas-socjeta' intimata Edwin Petroni jikkonferma illi r-rikorrenti giet fl-ufficini tieghu tilmenta minn grif fil-kxaxen. Biex izommha kuntenta ippermettielha taghzel kxaxen ohra mill-*fridges* illi kellu fix-*showroom*. Hekk ghamlet wara li ccekkjathom kontra d-dawl. Jumejn wara, giet tilmenta illi kexxun minnhom li kienet ghazlet sabitu miksur. Is-sur Petroni gibdilha l-attenzjoni li kienet hi stess li ccekjathom umbaghad qaltlu li sabet ukoll daqqa fil-bieb tal-*freezer*.

Is-sur Petroni mar jara din id-daqqa personalment u seta' jikkonstata illi kienet kbira u hass illi kienet stramba kif ma rathiex qabel meta rat il-grif fil-kxaxen li rraportatlu ftit qabel. Ighid "li rat il-grif u ma ratx toqba kbira kienet ghalija suspettuza u allura gejt biex nahseb li kissruha huma".

Ikkunsidra

Illi kif jidher mir-ritratti ezebiti din it-toqba hija kbira u zgur illi giet kawzata b'xi daqqa qawwija. Di piu' fir-ritratt fejn tidher l-ixkaffa, din id-daqqa ukoll tidher, anke minn gol-plastic trasparenti. Il-fatt illi tidher mir-ritratt minn gol-plastic tfisser li hija hafna aktar vizibbli fuq l-ghajnejn u m'ghandekx ghalfejn taqla' l-ixkaffa biex tinduna biha.

Ir-rikorrenti tidher illi kienet assidwa hafna fl-ezami ta' dan il-*fridge* peress illi minhabba xi ksur/grif kif qalet hi, wasslet biex biddlet l-ixkaffi allegatament milquta. Hija ferm stramba kif daqqa bhal dik ma indunatx biha mal-ewwel, anke dakinhar tal-konsenja meta l-haddiema kienu ghadhom hemm u iffirmat id-dokument fit-2 ta' Frar 2016, jew almenu wara meta spezzjonat il-fridge u ndunat bil-grif.

Ghal grazzja tal-argument, jista' jkun illi forsi certa hsara li ma tkunx tidher ma tindunax biha mal-ewwel, pero dina ma kenitx xi haga mohbija u ir-rikorrenti ghamlet spezzjoni akkurata u ma semmiet xejn ghal din i-toqba, hlief wara jumejn li l-*fridge* kienet fil-pussess taghha.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma rnexxhielex almenu sal-grad tal-probabbilita li l-hsara kienet pre-ezistenti l-konsenja u fil-fatt hija aktar probabbli l-hsara såret wara.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-verzjoni tas-socjeta' intimata hija aktar verosimili u timmerita illi tkun milqugha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru